MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 247/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Leslie Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnax il-lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm212.58) rappresentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 99447616. Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont mitlub sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Michael Grech, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tnax il-lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm212.58), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------